MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 2395/1998/1

**Angelo Pace u b'digriet tal-5 ta' Jannar 2006 (fol. 340) il-qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Grace armla tal-istess Angelo Pace, Francis, Alfred, Rose Burke, Anthony, Mary u Josephine Busuttil ahwa Pace; Carmelo Pace; Guza armla ta' Annunziato Pace; u wliedha Lina Xuereb mart Raymond u l-istess Raymond Xuereb; Anthony, Daniel, u Josephine Borg mart Joseph, u l-istess Joseph Borg; ahwa Pace, ulied il-mejjet Annuziato Pace; u Gerarda armla ta' John Mary Pace u wliedha Gemma, Dominic, Josephine Spiteri mart Alfonso, Mary Decesare mart Dominic, u l-istess Dominic u Francis Taliana mart Arturo; u l-istess Arturo; ahwa Pace wlied il-mejjet John Mary Pace**

**Vs**

**Pasquale Baldacchino u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2001 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem George, Saviour, Maria Concetta mart William Francis Walker u Benedict sive Benny ahwa Baldacchino bhala werrieta ta' Pasquale Baldacchino u Mary armla minn Pasquale Baldacchino bhala uzufruttwarja**.

L-atturi kienu ppremettew li huma l-werrieta ta' Giuseppa Pace armla ta' Giuseppe li mietet fit-13 ta' Ottubru 1973, u li huma koproprjetarji ta' art maghrufa bhala tal-Hofra fil-Gudja li tikkonsisti fi tlett lenez u parti minn razzett fl-istess zona, aggacjenti u kontingwi, liema parti tikkonsisti f'kamra twila terrana, f'gabinett u ghorfa fil-pjan ta' fuq, it-tnejn b'access rispettiv indipendenti, u bi dritt ta' uzu, komuni ta' bir fl-istess raba' tal-Hofra kif deskritt fil-kuntratt tal-10 ta' Jannar 1932 pubblikat min-nutar Angelo Cachia. Komplew jippremettu li l-konvenut qieghed jokkupa u jaghmel uzu minn kamra terrana fir-razzett minghajr ebda dritt u bla ebda permes tas-sidien, cjoe' s-successuri ta' Giuseppa Pace. Ghalkemm il-konvenut gie msejjah biex jivvaka l-istess proprjeta' u ihalliha libera, baqa' jinjora t-talbiet u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza, sabiex prevja dikjarazzjoni li l-proprjeta fuq imsemmija – cioe' dik rizultanti a favur Giuseppa armla Pace fil-kuntratt fuq imsemmi – tappartjeni lill-assi ereditarji tal-istess awtrici tal-atturi, il-qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut qieghed jokkupa u jiddetjeni l-kamra terrana bla ebda titolu;
2. Tikkundanna lill-konvenut jizgombra mill-kamra u jhalliha ghad-disposizzjoni tal-atturi.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fid-19 ta' April 1999 (fol. 23), il-konvenut wiegeb:

1. Illi l-atturi jridu jaghtu prova li l-art in kwistjoni giet denunzjata.

2. L-atturi naqsu milli jaghtu deskrizzjoni cara tal-konfigurazzjoni u konsistenza tal-proprjeta. Ghalhekk huwa necessarju li jipprezentaw pjanta li tindika precizament din il-proprjeta’.
3. Bla pregudizzju m’huwiex minnu dak allegat mill-atturi li l-proprjeta’ Tal Hofra hija taghhom. Permezz ta’ kuntratt tat-3 ta’ Settembru 1951 pubblikat min-nutar Dr Giuseppe Sammut il-predecessur tal-konvenut kien akkwista 8/9 parti indiviz ta’ l-ghalqa fil-kontrada tal-Hofra, Gudja b’kejl ta’ tmien sighan, ossija tomna u nofs.
4. Fi kwalunkwe kaz is-sid precedenti ghall-proprjeta tal-Hofra kienet ilha tiddetjeni l-proprjeta mertu tal-kawza odjerna bhala sid ghall-aktar minn tletin sena u ghalhekk avverat ruhha l-preskrizzjoni akkwizittiva ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

Permezz ta’ digriet moghti fl-4 ta’ Mejju 2004 (fol. 321) il-qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u hatret lin-nutar Joseph Henry Sciriha bhala perit legali u lill-perit Mario Cassar sabiex wara li jqisu l-atti kollha fil-process u bla ma jisimghu xhieda u bla ma jircievu dokumenti,:-

1. ihejju pjanta li turi (a) l-art pretiza mill-atturi u (b) l-art okkupata mill-konvenut;
2. wara li jezaminaw il-provenjenza tat-titoli, ighidu jekk mid-dokumenti u l-provi l-ohra fil-process (a) jirrizultax li l-atturi ghandhom titolu tajjeb ghall-art pretiza minnhom (b) jekk il-konvenut ghandu ukoll titolu, u (c) kif inholoq konflitt fit-titoli.
3. fil-kaz li jirrizulta li l-atturi ghandhom titolu tajjeb ghall-art, ighidu jekk sarux id-denunzji ta’ l-art ghall-ghanijiet ta’ l-ewwel eccezzjoni.

Fit-18 ta’ Frar 2011 il-perit tekniku pprezenta pjanta u survey tal-art tal-Hofra u l-perit legali pprezenta r-rapport.

Mill-atti jidher li l-atturi huma s-successuri ta’ Giuseppa Pace li mietet fit-13 ta’ Ottubru 1973. Giuseppa Pace

kienet wahda mill-erbat itfal[1] miz-zwieg bejn Annunziato Barbara u Maria xebba Agius. Maria Barbara kienet izzewget darbtejn. It-tieni ragel taghha kien Giuseppi u minn dan iz-zwieg twieldu Lorenzo, Vittoria, Francesco, Pietra, Carmena u Salvina ahwa Barbara.

Skond is-survey li sar mill-perit tekniku, l-art tal-Hofra kien fiha kejl komplessiv ta' cirka 6,565 metri kwadri.

Fis-seduta tal-**11 ta' Ottubru 2001** kien xehed Angelo Pace (fol. 141-167) u minn din id-deposizzjoni hu altru milli evidenti li x-xhud tkellem dwar proprjeta' li m'ghandix x'taqsam ma' dik li tissemma fic-citazzjoni u ghalhekk oggett tal-kawza. F'dan ir-rigward il-qorti ser ticcita minn partijiet mid-deposizzjoni tieghu biex turi kemm dan huwa minnu:-

*"Dr Robert Mangon: All right. Issa fid-denunzja ta' Salvina Barbara, il-proprjeta' jew l-ghalqa li qed taghmel il-kawza fuqha f'din il-kawza tissemma ?*

*Xhud: Daz-zgur tissemma"* (fol. 145).

*"Xhud: Le, ir-raba li mess lill-mama tieghi kien mill-1932, il-kuntratt sar mill-1932 id-divizjoni u din l-ghalqa li hemm in kwistjoni l-kuntratt taghha sar fl-1951."* (fol. 147).

*"Il-Qorti: Jigifieri sewwa qed nghidlek, l-art li fuqha hemm il-kawza ma kenitx f'idejn il-mama tieghek ?*

*Xhud: Le, imma f'idejn hutha.*

*Il-Qorti: F'idejn hutha u mbaghad gew ghandkom.*

*Xhud: Imma mbaghad bil-wirt gew ghandna"* (fol. 154).

[1] L-ohrajn kienu Francesca Farrugia, Concetta Baldacchino, u Veneranda Mifsud.

*“Il-Qorti: Qed nitkellmu biss, ara – ara, jiena qieghed nifhmek ta, qed nifhmek x’inti tghidli – naf li l-mama’ tieghek kellha xi artijiet ohra hemmhekk.*

*Xhud: Iva.*

*Il-Qorti: Imma dawk m’hemmx problema fuqhom.*

*Xhud: Sewwa.”* (fol. 155).

*“Dr Robert Mangion: Pero’ issa qed nikkoncentra fuq l-art tal-kawza. Issa, il-mama tieghek mela qed tghidilna issa li qatt ma kellha sehem mill-art li fuqha qed taghmel il-kawza ta llum ? Qatt ma kellha sehem il-mama’ minnha ?*

*Xhud: Le, ma kellhiex”* (fol. 156).

*“Dr Robert Mangion: All right. Mela mill-1951 ‘il quddiem ommok, dwar l-art li qed taghmel il-kawza fuqha, ma baqghaliex iktar sehem, naqblu ?*

*Xhud: Mill-1951.*

*Dr Robert Mangion: Mill-1951, mill-kuntratt tal-1951 ‘il quddiem ommok ma kienx baqghalha iktar sehem. Hadet forsi flus, hadet xi haga ohra, pero’ minn din l-ghalqa harget, naqblu ?*

*Xhud: Mill-ghalqa iva”* (fol. 159/160).

***“Dr Joseph R. Pace: Jigifieri l-art li qed naghmlu l-kawza fuqha hija dik tad-divizjoni illi saret fl-1932 ?***

***Xhud: Le, le”*** (fol. 162).

Ghalhekk Angelo Pace ikkonferma li l-kwistjoni mal-konvenut ma kenitx fuq dak li gie assenjat lill-ommu bl-att tal-10 ta’ Jannar 1932 tan-nutar Angelo Cachia. L-

anomalija hi li fic-citazzjoni l-atturi ddikjaraw li l-oggett tal-kawza, il-kamra twila fit-terran, kienet ta' Giuseppa Pace permezz tal-att pubblikat fl-1932.

Angelo Pace kien xehed ukoll fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2000, fejn fuq domandi tad-difensur tieghu beda biex jaghti x'jifhem li l-kwistjoni qeghda fuq kamra li kienet giet assenjata lill-ommu Giuseppa Pace fil-kuntratt tal-10 ta' Jannar 1932. Pero in kontro-ezami xehed:

*"Dr Robert Mangion: Le, id-domanda hi: Liema huma dawn it-tliet lenez li fuqhom qed taghmel il-kawza ?*

*Xhud: One, two, three.*

*Dr Mangion: Dawk huma t-tliet lenez ?*

*Xhud: Dawn huma.*

*Dr Robert Mangion: Sewwa. Jigifieri fejn hawn il-kliem V. Mifsud, 1951, 5.5; Barbara ahwa 1951, 5.0; u G. Baldacchino 1951 9.5 ? Dawn huma t-tliet lenez li fuqhom qed taghmel il-kawza ?*

*Xhud:* ***Jien il-kawza qed naghmilha tan-nofs****. Ta' l-ohrajn m'ghandix x'naqsam maghhom"* (enfazi tal-qorti, fol. 126).

Hu evidenti li kienet qeghda ssir riferenza ghall-iskizz Dok. GG (fol. 73), u x-xhud ikkonferma li l-kawza titratta dik il-porzjon fejn hemm *"Barbara ahwa"*, f'liema porzjon jidher ukoll bini. L-art li ghamel riferenza ghaliha l-attur Angelo Pace hi dik li fis-survey tal-perit tekniku hi ndikata bhala ***"Barbara 1951 5 sighan (937m2)"*** u tidher kaxxa rettangolari twila u l-kelma *"Rooms"* (fol. 380). Din il-porzjon art kienet wahda minn dawk oggett tal-kuntratt tat-3 ta' Settembru 1951 pubblikat min-nutar Dr Giuseppe Sammut (fol. 49) li bih giet trasferita lil Lorenzo Barbara u hutu. Fil-kuntratt jinghad li Annunziato, Giuseppe u Tereza ahwa Mifsud (ulied Veneranda Mifsud), Concetta Baldacchino u Giuseppa Pace bieghu lil Lorenzo,

Francesco, Vittoria, Pietra, Carmela u Salvina ahwa Barbara (ulied Giuseppe u Maria Barbara), 3/9 indivizi:

*"ta' ghalqa attigwa ghall-ohra fuq imsemmija il-Gudia, kontrada ta' Hofra, imlaqqma wkoll tal-Hofra tal-kejl superficjali ta' hames sighan li fiha camra tal-kantun bil-bieb ghal ghalqa u camra tas-sejjih tmiss mill-punent ma' l-ghalqa l-ohra tal-Hofra fuq imsemmija minn nofsinhar ma' Triq San Gorg u mill-Lvant ma' beni ta' Giuseppa Pace in parti u in parti mal-ghalqa infraskritta"* (fol. 51).

Jinghad ukoll li, kemm minn dak li pprezenta l-perit tekniku[2] u r-rapport tal-perit legali jidher li l-kamra li l-atturi qeghdin jilmentaw dwarha hi dik li fis-survey (fol. 380) hi deskritta bhala ***"Barbara 1951 5 sighan (937m2)"*** (fol. 380). Fil-fatt il-perit legali rrelata hekk:

*"Il-kamra t-twila tidher (anki skond il-pjanta tal-Perit) li hi fil-parti ta' l-ahwa Barbara (fejn 3/9 minnha gew mixtrija bl-atti tal-1951).*

*Il-familja Baldacchino ma pproducew l-ebda kuntratt li juri li din il-parti tal-proprjeta' giet trasferita lilhom – l-intenzjoni li jsir dan mhix bizzejjed u wiehed ma jistax jippreskrivi dak li jaf li mhux tieghu.*

*Min-naha l-ohra lanqas ma hu car li din il-kamra hi fil-parti tal-familja Pace. Anzi hija l-opinjoni tieghi li ma gietx assenjata fil-kuntratt tal-1931 fejn giet assenjata kamra ohra (li tigi fuq ix-Xlokk tal-kamra t-twila).*

*Ghaldaqstant hija l-opinjoni tieghi li din il-kamra tappartjeni lill-eredi ta' l-ahwa Barbara fejn hemm deskrizzjoni cara ta' din il-kamra fil-kuntratt ta' l-1951 u kkwotata l-provenienza ta' Rose Farrugia li kienet akkwsita l-istess kamra fl-1905"* (fol. 386).

Madankollu l-kamra li l-atturi ghamlu riferenza ghaliha fic-citazzjoni m'ghandha x'taqsam xejn mal-kamra fuq

[2] Ara l-pjanta a fol. 381 fejn tidher parti mill-art li kienet oggett tal-kuntratt pubblikat min-nutar Dr Giuseppe Sammut fl-1951.

imsemmija, ghaliex huma bbazaw il-kawza fuq il-kuntratt tal-10 ta' Jannar 1932 li bih Giuseppa Pace giet assenjata tlett porzjonijiet art  u parti minn razzett. Wara li fl-14 ta' Ottubru 1973 mietet Giuseppa Pace, saret id-denunzja u fiha hemm inkluz:

*"Ghalqa msejha tal-Hofra limiti tal-Gudja tal-kejl ta' cirka 2 itmiem u nofs, b'zewg kmamar wahda fuq l-ohra, u li tmiss mil-Lvant mat-triq imsejha tax-Xlejli, min-nofsinhar ma' triq Sanciero u mill-punent mal-ghalqa ta' Pasquale Baldacchino"* (fol. 56).

Skond ma ppremettew l-atturi fic-citazzjoni din hi l-art fejn suppost tinsab il-kamra li tissemma fic-citazzjoni, izda m'hijiex l-art li ghamel riferenza ghaliha Angelo Pace meta xehed. Certament li l-qorti trid taghti decizjoni fuq dak li jinghad u jintalab fic-citazzjoni.

Ghal dak li jikkoncerna l-porzjon art u kmamar li bil-kuntratt tat-3 ta' Settembru 1951 (fol. 49) giet assenjata lil Lorenzo, Francesco, Vittoria, Pietra, Carmela, u Salvina ahwa Barbara tillimita ruhha biex tosserva li:-

i. Mill-atti jidher li Vittoria Barbara mietet fit-13 ta' Novembru 1969 bla testment. Ifisser li wirtuha hutha fuq imsemmija;

ii. Lorenzo Barbara miet fis-27 ta' Novembru 1970 u b'testment tal-5 ta' April 1950 (fol. 186) halla lill-hutu Francesco, Pietra, Carmela u Salvina Barbara bhala werrieta tieghu.

iii. Fit-22 ta' Jannar 1976 Francesco (fol. 203), Pietra, Carmela u Salvina Barbara ghamlu testment fejn bhala werrieta nnominaw lin-neputijiet taghhom:

- Angelo (attur), Annunziato, Gio Maria, u Carmelo (attur) ahwa Pace ulied Giuseppa Pace;
- Annunziato, Giuseppe u Tereza ahwa Mifsud u wlied Veneranda Mifsud;
- Pasquale Baldacchino (il-konvenut) iben Concetta Baldacchino;

iv. Pietra Barbara mietet fis-7 ta' Ottubru 1983. Mid-denunzja (fol. 63) jidher li ghamlet testment iehor fil-11 ta' Gunju 1982 kif ghamlu hutha Salvina Barbara (ara

denunzja fol. 57) u Francesco Barbara (ara denunzja fol. 60). Ma jirrizultax li kopja ta' dawn it-testmenti giet prezentata u ghalhekk il-qorti ma taf x'inhu l-kontenut. Il-qorti tirrileva wkoll li f'xi denunzji jissemmew pjanti annessi. Pero' dawn ma gewx esebiti. Hekk per ezempju fil-kaz ta' Vittoria Barbara (fol. 215) jinghad li l-wirt taghha kien jinkludi sehem indiviz ta' ghalqa tal-Hofra, limiti tal-Gudja b'kejl ta' cirka tomna u erba sighan murija fi pjanta II. Pero' l-pjanta ma gietx esebita. L-istess fid-dikjarazzjoni causa mortis ta' Carmela Barbara li mietet fid-9 ta' Novembru 1993[3] (fol. 66).

v. Hu fl-interess tal-parti li tipprezenta dokument li tizgura li hu shih, u fin-nuqqas il-prova ma tkunx kompleta.

vi. Carmela Barbara mietet fid-9 ta' Novembru 1993 u jidher li kienet ghamlet testment iehor fit-12 ta' Mejju 1988 fl-atti tal-nutar Dr Victor John Bisazza (fol. 240) u nnominat lill-attrici Mary Pace bhala werrieta universali taghha. Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tissemma ¼ indiviz tal-porzjon art li kienet messet lill-ahwa Barbara bil-kuntratt tal-1951 (fol. 66).

vii. Mit-testmenti li saru fit-22 ta' Jannar 1976 jidher li Pasquale Baldacchino kien wiehed mill-werrieta. Pero' l-qorti ma tafx x'inghad fit-testmenti li saru fil-11 ta' Gunju 1982, u ghalhekk m'hijiex f'posizzjoni tasal b'certezza ghal konkluzjoni ta' min huma l-werrieta ta' dawk l-ahwa Barbara li ghamlu testment fil-11 ta' Gunju 1982. Madankollu l-indikazzjoni hi li l-konvenut hu wkoll werriet. Ghallinqas hekk jidher mid-dokumenti APP G3 (fol. 238 u 239) li huma ricevuti ta' flus li thallsu lill-werrieta ta' Salvina u Francesco Barbara. Pasquale Baldacchino hu wiehed mill-persuni li jissemmew li rcieva flus[4].

viii. Ghal dak li jikkoncerna t-tezi tal-konvenut li l-proprjeta hi tieghu bil-preskrizzjoni akkwizittiva, Pasquale Baldacchino miet fis-sena 2000 izda qatt ma xehed. Minflok xehed ibnu Salvatore Baldacchino permezz ta' affidavit (fol. 302-306), u qal: *"issa gara li fi zmien il-*

---

[3] Ara paragrafu numru 10 (fol. 67) fejn jinghadli l-proprjeta tal-Hofra hi delinejata bil-kulur ahmar fuq pjanta annessa u markata "B".

[4] B'riferenza ghal dawn id-dokumenti, l-attur Angelo Pace iddikjara: *"Il-flus ta' Francesco u ta' Salvina li kien baqa' fil-bank ingibdu xi zmien wara minn Dr Pullicino u tqassmu flimkien bejn l-eredi kollha mill-istess Dr Pullicino li hallew ircevuta"* (fol. 177).

*gwerra, lil Giorgio u Concetta Baldacchino, kien iggarfilhom mahsen f'post iehor il-Gudja u ghalhekk l-ahwa Barbara stiednuhom biex juzaw dik il-kamra twila tal-kantun li hemm fil-ghalqa tal-Hofra. Dan gie accettat mill-konjugi Baldacchino u ghalhekk kienu tawhom il-muftieh tal-post"* (fol. 302). Fil-fehma tal-qorti dan ma jfissirx li minn meta l-kamra ghaddiet fid-detenzjoni ta' Giorgio u Concetta Baldacchino, il-ġenituri tal-konvenut Pasquale Baldacchino, allura bdew jippossjeduha *animo domini*. Lanqas m'hemm prova li wara li bil-kuntratt tal-1951 l-art b'kejl ta' 5 sighan (937 metri kwadri) saret tal-ahwa Barbara, Giorgio u Concetta ghamlu xi haga li biha taw lill-proprjetarji legittimi x'jifhmu li qeghdin jippossjedu l-kamra *animo domini*. Sahansitra kompla jghid: *"[…] ghalkemm l-ahwa Barbara xtaqu li jaghtu dan il-fond u ir-raba lill-ohthom Concetta minn badna l-ohra, billi huma kienu qeghdin jikbru fl-eta', xtaqu li ma jitilqux din il-proprjeta ghal kollox biex jekk ikun hemm bzonn li jkollhom bicca art fil-qrib ta' fejn kienu joqghodu ikunu jistghu jaghmlu uzu min din tul hajjithom kollha"* (fol.303). Ghalhekk it-tezi tal-preskrizzjoni akkwizitittva trigenerarja hi ghal kollox bla bazi.

ix. 'Il fatt li fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-konvenut Pasquale Baldacchino tissemma l-proprjeta (paragrafu 17, fol. 295) ma jfisser xejn meta tqies li din saret fil-mori tal-kawza u ghalhekk wiehed jistenna li kienet ser tissemma meta tqies li l-konvenut u issa l-werrieta tieghu jippretendu li l-kamra hi proprjeta tieghu.

Fic-citazzjoni l-atturi ghamlu riferenza ghas-segwenti ambjenti bhala li jifformaw parti minn razzett li akkwistat ommhom bil-kuntratt tal-10 ta' Jannar 1932:

*"f'kamra twila terrana u f'gabinett u ghorfa fil-pjan ta' fuq, it-tnejn b'access rispettiv indipendenti (tal-ewwel minn bieb fl-imsemmi passagg u tat-tieni permezz ta' tarag mikxuf)"*;

u qalu li Pasquale Baldacchino qieghed jokkupa u juza l-kamra twila fit-terran tar-razzett bla titolu. Bil-kuntratt tal-10 ta' Jannar 1932 Giuseppa Pace akkwistat tlett porzjonijiet raba' flimkien ma' zewgt ikmamar fuq xulxin.

Fatt li hu kkonfermat fid-denunzja tal-wirt taghha (paragrafu 8, fol. 56) li saret mill-attur Angelo Pace fejn inghad li mar-raba' hemm *"two rooms"*. Il-qorti hi tal-fehma li mhux ir-razzett kollu kien gie assenjat lil Giuseppa Pace. Dan kuntrarjament ghal dak li xehed Angelo Pace. Fil-fatt fil-kuntratt tas-26 ta' Novembru 1905[5] jinghad li l-porzjon assenjata lil Rosa Farrugia tgawdi d-dritt ta' passagg minn fuq il-porzjon assenjata lil Maria Barbara biex jittella' l'ilma mill-bir *"[…] e di fare* ***uso della scala della Seconda Porzione per accedere al terrazzo della detta stanza da provisione****"* (enfazi tal-qorti, fol. 259). Ghalhekk jidher li fejn hemm il-kmamar assenjati lil Maria Barbara, kien hemm kmamar ohra li gew assenjati lil Rosa Farrugia.

Gialadarba l-atturi bbazaw il-kawza fuq dak li gie assenjat lil Giuseppa Pace bil-kuntratt tal-10 ta' Jannar 1932 atti nutar Angelo Cachia, il-qorti trid tiddeciedi a bazi tal-premessi u talbiet tac-citazzjoni. L-atturi ma tawx prova li l-kamra li fic-citazzjoni jirreferu ghaliha bhala ***"kamra twila terrana"*** bhala parti mir-razzett, hi wahda miz-zewgt ikmamar assenjati lil Giuseppa Pace fil-kuntratt tal-1932[6]. Francis Darmanin xehed li missieru kien jahdem parti mill-ghalqa tal-Hofra u kellu fil-pussess tieghu bictejn raba' minn tal-Hofra, il-kamra u l-ghorfa fuqha. Spjega wkoll li

---

[5] Kuntratt ta' qasma bejn l-ahwa Maria Barbara u Rosa Farrugia. Maria Barbara giet assenjata raba' minn tal-Hofra flimkien ma *"stanza e lo stanzino contiguo inferiori e la stanza e stanzino superiori sovraposti ai detti inferiori con finestra per strada, e la scala di pietra scoperta per l'accesso delle dette stanze, soggetta tale scala per l'uso del terrazzo dell stanza da provisione assegnata all Prima Porzione…."* (fol. 260-261). Min-naha l-ohra dik il-parti li giet assenjata lil Rosa Farrugia, tinkludi: *"la grande stanza da provisione, il grande bovile,……."* (fol. 259). Skond ma jirrizulta mill-kuntratt tat-3 ta' Settembru 1951 pubblika min-nutar Giuseppe Sammut (fol. 49), il-werrieta ta' Rosa Farrugia kienu l-ahwa Barbara, cjoe' Lorenzo, Vittoria, Pietra, Carmela, Salvina, Concetta Baldacchino (omm il-konvenuta Pasquale Baldacchino), Giuseppa Pace (omm l-attur Angelo Pace), u Annunziato u Giuseppe ahwa Mifusd (ulied Veneranda Mifsud neputija ta' Rosa Farrugia) [ara provenjenza, fol. 53].

[6] Fl-atti hemm kopja ta' dan il-kuntratt li fuq ordni tal-qorti kien gie sfilzat: *"Il-qorti tistieden lill-atturi jipprezentaw kopja dattiloskritta ta' l-atti u kopja dattiloskritta tad-dokument esibit mac-citazzjoni, tordna li jitnehha mill-inkartament Dokument A fol. 6 sa 19 billi dan ma jnqarax. Tistieden ukoll lill-konvenut jesebixxi kopja dattiloskritta ta' Dokument PB1 u tordna li dan id-dokument fol. 26 sa 33 jitnehha mill-inkaratment billi ma jinqarax"* (fol. 38). Wara din l-ordni minflok ipprezentaw il-kuntratt kollu tal-1932, ipprezentaw biss estratt li hi dik il-parti fejn Giuseppa Pace giet assenjata porzjon mill-art tal-Hofra flimkien ma' bini.

missieru kien ihallas lil ta' Pace. Minn dak li xehed Darmanin il-qorti ma fehmitx li fil-pussess tieghu kellu dik li l-atturi rriferew ghaliha bhala *"kamra twila terrana"*.

B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni l-qorti tirrileva li din hi rrilevanti ghaliex Giuseppa Pace mietet fl-1973 u ghalhekk ghadda b'diversi snin il-perjodu li fih kellha tigi denunzjata.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi li:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni spejjez a karigu tal-konvenuti.**
**2. Tiddikjara li t-tieni eccezzjoni hi ezawrita ghaliex waqt is-smiegh tal-provi Angelo Pace kien ipprezenta pjanta u ta spjegazzjoni.**
**3. B'riferenza ghat-tielet eccezzjoni tiddikjara li dak li qieghed jintalab fic-citazzjoni m'huwiex parti mill-proprjeta oggett tal-kuntratt tat-3 ta' Settembru 1951. Ghalhekk spejjez relatati ma' din l-eccezzjoni jibqgu a karigu tal-konvenuti.**
**4. Mill-provi ma rrizultax li l-konvenut u llum il-werrieta tieghu qeghdin jokkupaw xi wahda mill-kmamar li bil-kuntratt tal-10 ta' Jannar 1932 pubblikat min-nutar Angelo Cachia giet assenjata lil Giuseppa Pace. Ghaldaqstant tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a karigu tal-atturi salv ghal dak li nghad hawn fuq.**

**Tibqa' mpregudikata l-materja dwar dik il-porzjon art li fis-survey li hemm a fol. 380 tal-process hi deskritta bhala *"Barbara 1951 5 sighan (937m2)"*.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------